# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Sede Kostituzzjonali)

# ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 29 ta' Mejju 2025**

**Numru 9**

**Rikors Numru 565/23TA**

**Joseph Borg KI 0272951M,**
**Emanuel Borg KI 0542855M,**
**Crispino Borg KI 0542755M,**
**Carmel sive Charlie Borg KI 0794356M,**
**Paul Borg KI 073162M,**
**Martha Camilleri nee Borg KI 0218753M,**
**Maria Cauchi Borg KI 638454M,**
**Helen Grech nee Borg KI 520259M**
**Joseph Saliba KI 471457M**
**Philip Saliba KI 289166M u b'digriet datat 11 ta' Lulju 2024 l-atti f'isem Philip Saliba ġew trasfużi f'isem in-Nutar Dotoressa Jeanette Laferla Saliba K.I. 586652(M), il-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer K.I. 56754(M), Margaret Anastasi K.I. 116955(M) u Henri Saliba K.I. 353566(M)**
**Pio Saliba KI 316962M**
**Magdalena-Anna magħrufa Magdalen Manley KI 0954929**
**Isabella Grainger KI 371561M**
**Maria Pia magħrufa bħala Mariella Holmes KI 110960M**
**Jane drabi oħra magħrufa bħala Giovanna Chadwick**
**Giacinta magħrufa bħala Giacinta May drabi oħra magħrufa bħala Cynthia Drury KI 370768M**

**In-Nutar Dotto Philip Saliba KI 75122(M)**
**Joanne sive Janine Vella KI 845853(M)**
**Mario Sammut KI 111155(M)**
**Mary Dolores sive Doreen Vella KI 532658(M)**
**Josanne Galea KI 2247629(M)**
**Bernadette Dimech KI 63059(M)**
**Veronica Mifsud KI 173562(M)**

**Vs**

**L-Avukat tal-Istat**

**u**

**David Grasso (K.I. 0288866M) u**
**Antoinette Grasso (K.I. 0085166M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Joseph Borg et (ir-rikorrenti) tal-15 ta' Novembru 2023, li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

1. Illi huma il-propjetarji tal-fond li flat numru tnejn (2), bieb numru disgħa u tmenin (89), Santa Monika, ġewwa l-lokalita' ta' Ħal-Tarxien;

2. Illi permezz tal-causa mortis fl-Atti tan-Nutar Ann Fenech Adami , tat- tletin (3) ta' Novembru 2000, Caterina Borg,armla ta' Anthony Borg, Joseph Borg, Martha Camilleri, Maria Cauchi , Crispino Borg, Emmanuele Borg, Carmel Borg u Helen Grech, wirtu skond dispożizzjonijiet testamentarji li ħalla Anthony Borg wara l-mewt tiegħu fil-ħdax ta' Lulju 2000 (11.07.2000), permezz tat-testment unica carta tas-16 ta' Marzu 1989, fejn ħalla fost oħrajn lil martu Caterina Borg l-użufrutt u l-ulied kollha werrieta fi kwoti indaqs liema dikjarazzjoni causa mortis hawn anessa u mmarkata bħala DOK C;

3. Illi permezz tat-testment tas-sittax (16) ta' Marzu tas-sena elf disgħa mija u disgħa u tmenin (1989) Caterina Borg innominat u istitwixxiet bħal uniċi eredi universali u padruni assoluti tal-assi ereditarji tagħha u padruni assoluti tal-assi ereditarji tagħha kollha għal wara mewtha lill-uliedha , Joseph Borg , Emanuel Borg, Crispino Borg, Carmel sive Charlie Borg, Paul Borg, Martha Camilleri nee Borg, Maria Cauchi Borg, Helen Grech nee Borg, lkoll aħwa Borg , bejniethom ½ indiviż ta' appartament li illum iġib in-numru uffiċjali mija tnejn u għoxrin (122), internament immarkat bħala numru wieħed (1) , ġewwa Triq Ġuże' D'Amato ġewwa Ħal-Tarxien, liema dikjarazzjoni causa mortis qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala DOK D;

4. Illi permezz tat-testment ta' Jospeh Saliba KI 684123(M) datat tmienja (08) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u tmenin (1980), fl-atti tan-Nutar id-Dottor Paul

Pullicino , li miet fit-tmienja (8) ta' Frar tas-sena elfejn u sebgħa (2007), ħalla prelegat lil ħuh Anthony Saliba (li miet qablu) fl-għoxrin ta' Ġunju tas-sena elf digħa mija disgħa u tmenin (1989), il-pjena propjeta' tas-sehem li d-decuius mid-dar tar-residenza tiegħu u innomina eredi lil erbgħa ħutu l-komparenti nutar Dottor Philip Saliba, Carmelo Saliba, Anthony Saliba u Agnes mart Rosario Sammut fi kwoti indaqs bejniethom , u bis-sostituzzjoni ta' uliedhom f'kaz ta' premorjenza;

5. Il-beni in komuni tal-eredi fi kwoti fuq imsemmija kienu : (i) sesta parti indivisa (1/6) ta' flat numru tnejn (2) bieb numru disgħa u tmenin (89) Sir Temi Żammit Street, qabel Saint Monica Street . Tarxien, (ii) sesta parti indiviża (1/6) ta' fond 'White Lady' numru tlieta u disgħin (93) Saint Monica Casal Pawlu (iii)sesta parti indiviza (1/6) tal-flat numru tnejn (2) 'Mario Flats' bil-bieb numru mija tnejn u għoxrin (122) Triq Ġuże D'Amato Casal Paola (iv) sesta parti indiviża (1/6) tal-fat numru tnejn (2) Mario Flats bil-bieb numru mija tnejn u għoxrin (122) fi Triq Ġuże' D'Amato Casal Paola, liema dikjarazzjoni causa mortis qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala DOK E;

6. Illi permezz tat-testment ta' Carmela Saliba tas-sena sitta u għoxrin (26) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012), ħatret u innominat u issostitwixxit bħala werrieta universali tagħha padruni assoluti tal-ġid kollu tagħha lit-tmien ulied tagħha Joseph , Giovanna magħrufa bħala Jane mart John Chadwich , Maria Pia magħrufa bħala Mariella, Isabella, Pio, Maddalena Anna magħrufa bħala Magdalen Philip, Giacinta magħrufa bħal Cynthia aħwa Saliba fi kwoti indaqs bejniethom wieħed minn tanx-il sehem (1/12) indiviż ta' appartament li illum iġib in-numru uffiċjali mija tnejn u għoxrin (122), internament immarkat bħala numru wieħed (1) , ġewwa Triq Ġuże' D'Amato ġewwa Ħal-Tarxien, liema dikjarazzjoni causa mortis qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala DOK F;

7. Illi l-kerrejja għal dawn l-aħħar ħamsin sena jekk mhux aktar huma l-konjuġi David Grasso KI 0288866M u Antoinette Grasso KI 0085166M;

8. Illi dan il-fond kien ġie mikri lilhom bħala ir-residenza ordinarja tagħhom saħansitra minn missirijiethom, illum mejtin;

9. Illi il-fond in kwistjoni mhux fond dekontrollat, ċertifikat hawn anness u mmarkat bħala DOK G;

10. Illi l-kera annwali hija ta' mitejn tlieta u tletin ewro u sittin ċenteżmu (€233.60) u l-konjuġi Grasso l-aħħar li ħallsu kera kien mis-sena 2020;

11. Illi dan il-fond issa huwa maqsum bejn ħafna persuni u uħud mill-esponenti huma wkoll pensjonanti;

12. Illi permess tal-Causa Mortis 13646/23 , fl-atti tan-Nutar Anne Marie Tonna , il-Perit Arkitett Steven Ebejer, stima dan il-fond għal mija u għaxart- elef ewro (€110,000);

13. Illi permezz tal-fatt li dan il-fond kien ilu għexieren ta' snin marbut taħt dan ir-reġim ta' kera, dan il-fond qed jispċiċċa jgħaddi u jġorr piżijiet ta' taxxi ta'

suċessjoni bi qligħ vermanent miżeru meta tqabblu mas-suq, u l-esponenti qed ikunu imcaħħda milli jkollhom introjtu addizzjonali u xieraq mill-kera ta' dan il-fond mertu ta' din il-kawza;

14. Illi l-fatt li dan il-fond qed jibqa' jinqasam bejn iktar u ikar partijiet li qed jibqgħu marbutin flimkien, minkejja x-xewqa tagħhom li jillikwidaw dan il-fond u jevitaw iktar spejjeż anke lill-eredi tagħhom;

15. Illi ai termini tal-Ordinanza XVI tal-1994, ir-rikorrenti ma setgħu qatt jikru l-fond in kwistjoni fuq is-suq stante illi l-kera tar-residenza ta' fond li ma kienux dekontrollati ossia li ma jaqgħux taħt id-disposizzjonijiet tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, u huma regolati bil-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, ma setgħu qatt jiksbu l-valur lokatizju ta' dak li l-fond seta' jġib fl-4 ta' Awwissu 1914;

16. Illi ai termini tal-istess liġi bl-emendi li sarulha bl-Att X tal-2009, r-rata tal-kera għandha tiżdid biss darba kull tlett snin b' mod proporzjonali għal mod li bih ikun jiżdied l-Indiċi ta' Inflazzjoni skond l-Artikolu XIII tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar;

17. Il-protezzjoni moghtija lill-inkwlini intimati David Grasso KI 0288866M u Antoinette Grasso KI 0085166M, bid-disposizzjonijiet tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009 mhumiex ġusti u ma jikkreawx bilanċ ta' proporzjonalita' bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwlinina stante li l-valur lokatizju tal-fond huwa ferm ogħla minn dak stabilit fil-ligi u għalhekk huma bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu (6) tal-Konvenzjoni;

18. Il-livell baxx tal-kera, l-istat tal-inċertezza tal-possibilta' tat-teħid lura tal-propjeta', in-nuqqas ta' salvagwardji proċedurali, iż-żieda fil-livell tal-għejxien f' Malta f' dawn l-aħħar deċenni u l-interferenza sproporzjonata bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwlini ikkreaw piż eccessiv fuq ir-rikorrenti;

19. Ir-rikorrenti m'għandhomx rimedju effettiv ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea stante illi huma ma jistawx jżidu l-kera b' mod ekwu u ġust skond il-valur tas-suq illum, stante illi dak li effettivament huma jisgħu jitolbu li jirċievu huwa dak kif limitat bl-artikolu 1531C tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

20. Dan kollu gja gie determinat fil-kawzi **Amato Gauci Vs Malta** no. 47045/06 deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-15 ta' Settembru 2009 u **Lindheim and others Vs Norway** nru. 13221/08 u 2139/10 deċiża fit-12 ta' Gunju 2012 u **Zammit and Attard Cassar vs Malta** applikazzjonu nru. 1046/12 deċiża fit-30 ta' Lulju 2015; **Anthony Debono et vs Avukat Generali et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fit-8 ta' Mejju 2019; u Rikors Kostituzzjonali Nru. 22/2019 fl-ismijiet **Joseph Grima et vs Avukat Generali et**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar l-10 ta' Ottubru 2019;

21. Ġjialadarba r-rikorrenti qed isofru minn nuqqas ta' "*fair balance*" bejn l-interessi ġenerali tal-komunità u l-bżonnijiet u protezzjoni tad-drittijiet

fundamentali tal-bniedem kif deċiż b' **Beyeler vs Italy** nru. 33202/96, **J.A. Pye (Oxford) Ltd and J.A. Pye (Oxford) Land Ltd vs the United Kingdom [GC]**, nru. 44302/02, § 75, ECHR 2007-III) u għalhekk hemm lezjoni tal-principju ta' proporzjonalita kif ġie deċiż f'**Almeida Ferreira and Melo Ferreira vs Portugal** nru. 41696/07 § 27 u 44 tal-21 ta' Dicembru 2010;

22. Ir-regolamenti ta' kontroll tal-kera huma interferenza flagranti tad-dritt tas-sid għall-użu tal-proprjetà tiegħu stante illi dawn l-iskemi ta' kontroll tal-kera u restrizzjonijiet fuq id-dritt tas-sid li jittermina l-kirja tal-inkwilini u wisq inqas ta' min qed jipprova jippresta lilu nnifsu bħala inkwilin meta mhuwiex jikkostitwixxi kontroll tal-użu tal-proprjetà fit-termini tat-tieni paragrafu tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea (vide **Hutten-Czapska vs Poland [GC]**, nru. 35014/97, §§ 160-161, ECHR 2006-VIII, **Bitto and Others vs Slovakia**, nru. 30255/09, § 101, 28 ta' Jannar 2014 u **R&L, s.r.o. and Others** §108);

23. Lanqas huwa ġust u ekwu illi l-fond in kwistjoni għandu jkollu l-istess valur lokatizju impost bil-liġi ai termini tal-Artikolu 1531C tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

24. Il-valur lokatizju tal-post huwa ferm ogħla minn dak li l-liġi imponiet li r-rikorrenti għandhom jircievu, b'tali mod illi bid-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 37 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea il-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendat bl-Att XXXI tal-1995 u l-emendi li saru bl-Att X tal-2009 jilledi d-drittijiet kostituzzjonali tar-rikorrenti kif protetti taħt l-Artikolu tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll ta' l-Artikolu 1 tal-Protocol Nru. 1 tal-Konvenzjoni Ewropea u għalhekk il-Liġi fuq imsemmija għandha tiġi ddikjarata anti-kostituzzjonali u għandha tiġi emendata, kif del resto diġà ġie deċiż mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza **Amato Gauci vs Malta** – deċiża fil-15 ta' Settembru, 2009 u **Zammit and Attard Cassar vs Malta** deċiża fit-30 ta' Lulju 2015 mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem;

25. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem diġa' kellha okkazjoni tikkummenta diversi drabi f'kazi li rrigwardjaw lil Malta li ghalkemm m'hemmx dubju li l-Istat għandu dover u allura d-dritt li jintervjeni biex jassikura abitazzjoni deċenti lil min ma jistax ikollu dan bil-mezzi tiegħu stess, li ndividwu jiġi pprivat mill-użu liberu tal-proprjetà għal hafna snin u fil-frattemp jirċievi kera miżera, jammonta għall-ksur tad-dritt in kwistjoni. Fil-kawża "**Ghigo vs Malta**", deċiża fis-26 ta' Settembru 2006, il-Qorti sabet li jeżisti l-ksur tad-dritt in kwistjoni għaliex ir-rikorrenti ġie privat mill-proprjetà tiegħu tnejn u għoxrin (22) sena qabel u kien jirċievi ħamsa u ħamsin (55) ewro fis-sena bħala kera. Fis-sentenza "**Fleri Soler et vs Malta**", mogħtija fl-istess data, l-istess Qorti sabet li d-dritt fundamentali tar-rikorrenti ġie lez u allura qalbet sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta kif ġara wkoll fil-kawża ta' "**Franco Buttigieg & Others vs Malta**" deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-11 ta' Diċembru 2018 u "**Albert Cassar vs Malta**" deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fit-30 ta' Jannar 2018;

26. B'sentenza deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), Rikors Nru. 89/18 LM fl-ismijiet **Anthony Debono et vs l-Avukat Generali et**, fit-8 ta' Mejju 2019, din l-Onorabbli Qorti ddeċidiet illi l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-emendi tal-Att X tal-2009 jilledu d-drittijiet kostituzzjonali tas-sidien stante li ma nzammx proporzjon bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin, u li s-sidien mhux qed jirċievu l-kera ġusta fis-suq, biex b'hekk l-Avukat Ġenerali gie kkundannat jħallas danni ta' €20,000 lir-rikorrenti oltre l-ispejjeż kollha tal-kawża, u l-istess ġie deċiż fil-kawża Rikors Kostituzzjonali Nru. 22/2019 fl-ismijiet **Joseph Grima et vs Avukat Generali et**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar l-10 ta' Ottubru 2019 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-27 ta' Marzu 2020;

27. Illi kien biss wara li daħlu tal-emendi tal- 2021 permezz tal- Att XXIV tal-2021 li ir-rikorrenti kellhom l-opportunita li jgawdu kera aktar gusta u allura wieħed jista' jgħid li seta' jintlaħaq dak il-bilanc ġust bejn il-bżonnijiet tal-intimati David Grasso KI 0288866M u Antoinette Grasso KI 0085166M u dak tal-esponenti;

28. Illi wara li daħal fis-sehh l-Att XXIV tal-2021 l-esponenti qed jieħdu azzjoni u jkollhom saħansitra jiffaaċċaw aktar spejjeż legali , sabiex jiġu intavolati l-proceduri relattivi quddiem il-Bord li jirregola il-Kera;

29. In vista tal-każistika surreferita, saħansitra dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u in vista tal-fatt illi ċertament li ma hemm ebda dubju illi r-rikorrenti soffrew lezjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom ta' proprjeta' kif sanċiti bl-imsemmi Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-istess għandha tagħmel din l-Onorabbli Qorti u għandha tillikwida kumpens pekunjarju u non-pekunjarju sodisfaċenti għall-ksur lamentat;

Għaldaqstant l-esponenti jitolbu lill din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tappunta Perit Arkitett biex jagħmel valutazzjoni tal-propjeta' skond is-suq liberu u frank u jagħmel eżami tal-kirjiet fil-perjodu kollu tal-kirja minn David Grasso KI 0288866M u Antoinette Grasso KI 0085166M;
2. Tiddikjara u tiddeciedi illi fil-konfront tar-rikorrenti il-fatti suesposti u l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola l-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009, bl-operazzjonijiet tal-Liġijiet viġenti qegħdin jagħtu dritt ta' rilokazzjoni indefinita lill-intimati David Grasso KI 0288866M u Antoinette Grasso KI 0085166M, ta' 89, flat 2, Triq Santa Monika, Tarxien , u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti inter alia fl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta), u b'hekk għar-raġunijiet fuq esposti u dawk li ser jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti għandhom jingħatgħu r-rimedji kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi.
3. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Kap. 69 u l-Att X tal-2009 tal-Liġijiet ta' Malta talli ma nżammx bilanċ proporzjon matul is-snin sakemm daħal fis-seħħ l-Att XXIV tal-2021 u s-sidien ma għandhomx rimedju ieħor sabiex ikollhom dritt għal-kera iktar ġusta, u

jinħoloq bilanċ bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini peress illi l-kera pagabbli a tenur tal-ligijiet vigenti ma tirriflettix l-valur tas-suq u l-anqas il-valur lokatizju tal-proprjetà in kwistjoni wkoll ai termini tal-Liġi

4. Tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti, wkoll ai termini tal-Liġi.
5. Tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat jħallas l-istess kumpens u danni likwidati ai termini tal-Liġi, bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati minn issa għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-iStat (l-intimat Avukat) tal-21 ta' Diċembru 2023, li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

1. Illi preliminarjament, ir-rikorrenti iridu jiċċaraw dwar liema proprjeta' qiegħdin iressqu din il-kawża odjerna stante li fir-rikors promotur hemm xi drabi referenza għal proprjeta' partikolari u f'xi drabi oħrajn referenza għal proprjeta' oħra;

2. Illi preliminarjament ukoll, ir-rikorrenti għandhom iġġibu prova xierqa tat-titolu li allegatament igawdu fuq il-proprjetà in kwistjoni u jipprovaw li għandhom jedd li jirċievu kera minn din il-proprjetà;

3. Illi preliminarjament ukoll, jekk jirriżulta li r-rikorrenti jew l-ante-kawża tagħhom ma eżawrewx ir-rimedji ordinarji mogħtija lilhom bil-liġi, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tistħarreġ ulterjorament l-ilmenti mressqa. Dan a tenur tal-proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

4. Illi bla ħsara għall-premess, ir-rikorrenti jridu jġibu prova illi tali proprjeta' hija effettivament mikrija lil David u Antoinette Grasso u illi hija effettivament **kirja mħarsa bid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta**;

5. Illi bla ħsara għall-premess, il-pretensjonijiet, l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda;

6. Illi bla ħsara għas-suespost u f'kull każ ma jista' qatt jinstab ksur għaż-żmien tat-**terminu oriġinali** tal-kirja. Dan għaliex sakemm għalaq it-terminu oriġinali tal-kirja, il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-kirja kienu dawk li ġew determinati mir-rikorrenti stess jew l-antekawża tagħhom mingħajr l-ebda intervent tal-liġi, u għaldaqstant mingħajr l-ebda indħil mill-Istat. Kull ilment marbut mal-kondizzjonijiet imposti fit-terminu oriġinali tal-kirja huwa direttament attribwibbli għall-ftehim li kkuntrattaw ir-rikorrenti jew l-ante-kawża tagħhom stess u dan dejjem skond il-prinċipju fondamentali ta' *pacta sunt servanda;*

7. Illi bla ħsara għall-premess, f'kull każ ma jistax jinstab ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti għal dawk il-perjodi li l-istess rikorrenti ma kellhom l-ebda jedd fil-liġi li jirċievu l-frottijiet tal-istess proprjetà in mertu;

8. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, safejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab dirett kontra l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, l-emendi mdaħħla bl-Att X tal-2009, inkluż l-Artikoli 1531Ċ, 1531D u 1531I tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u l-emendi mdaħħla bl-Att XXIV tal-2021, l-esponent jippremetti illi dawn ma jilledux **l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;**

**9.** Illi bla ħsara għas-suespost, l-esponent jippremetti illi minkejja illi huwa konoxxenti tal-ġurisprudenza issa ben paċifika fuq l-materja in kwistjoni, iħossu doveruż jirrileva illi l-liġi suċitat: (i) għandha għan leġittimu għax joħroġ mil-liġi; (ii) hija fl-interess ġenerali għax maħsuba biex tipproteġu persuni milli jiġu mkeċċija mid-dar tal-abitazzjoni tagħhom; u (iii) iżomm bilanċ ġust u ekwu bejn l-interessi tas-sid, tal-kerrej u l-interess pubbliku, partikolarment bl-emendi aktar riċenti;

10. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, altrimenti dwar l-allegat sproporzjon, din l-Onorabbli Qorti m`għandhiex tevalwa din il-liġi fil-kuntest prinċipalment ta` spekulazzjoni tal-proprjetà imma għandha tiskrutinja u tapplika l-liġi fil-qafas aktar wiesgħa u ċioe` mill-aspett tal-proporzjonalità fid-dawl tar-realtà ekonomika u soċjali tal-pajjiż in ġenerali;

11. Illi dejjem bla ħsara għal dak sueċċepit, f'kull każ, ir-rikorrenti ma jistawx jinvokaw l-ewwel (1) artikolu tal-ewwel (1) protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali biex jilmentaw dwar ġrajjiet li seħħew qabel it-tletin (30) ta' April tas-sena elf, disa' mija u sebgħa u tmenin (1987). Dan qed jingħad għaliex skond l-artikolu 7 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, ebda ksur tal-ewwel (1) artikolu tal-ewwel (1) Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea li jsir qabel it-tletin (30) ta' April tas-sena elf, disa' mija u sebgħa u tmenin (1987) ma għandu jagħti lok għal xi azzjoni taħt l-artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

12. Illi bla ħsara għas-suespost, bid-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021, wieħed ma jistax jilmenta li l-kirja ma tistax togħla b'mod proporzjonat jew li m'għandux rimedju effettiv. Skond l-artikolu 4A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta, sidien jistgħu jitolbu lil Bord li jirregola l-Kera, li l-kera tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni fl-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena li matulha jiġi preżentat ir-rikors. Din ir-rata żżomm bilanċ tajjeb u ġust bejn l-interessi tas-sid u tal-kerrej. Illi in oltre' u mingħajr preġudizzju għas-suespost, dejjem skond l-artikolu 4A tal-Kapitolu 69 tal Liġijiet ta' Malta, sidien jistgħu jitolbu li jieħdu lura l-fond u ma jġeddux il-kirja jekk juru li l-inkwilini ma ħaqqhomx ikollhom protezzjoni mill-Istat. Tajjeb li jiġi mfakkar li tali eżerċiżżju ma huwiex wieħed ta' darba u daqshekk, iżda skond l-artikolu 4A(8) tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta jista' jerġa jiġi mwettaq f'kull waqt li jkun hemm xi tibdil fiċ-ċirkustanzi ekonomiċi tal-kerrej;

13. Illi stante li ma ġewx u ma humiex qegħdin jiġu leżi id-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, jsegwi li t-talbiet kollha tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda;

14. Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li l-Onorabbli Qorti ssib leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, fiċ-ċirkostanzi odjerni, dikjarazzjoni ta' ksur tkun suffiċjenti u ma hemmx lok għar-rimedji oħra mitluba mir-rikorrenti fosthom il-likwidazzjoni u kundanna ta' ħlas ta' kumpens u danni;

15. Illi f'kull każ u strettament bla ħsara għal dak kollu ġia eċċepit, anke li kieku għal grazzja tal-argument din l-Onorabbli Qorti kellha ssib xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u tiddeċiedi li tordna lill-esponent iħallas xi kumpens jew danni lir-rikorrenti, dan għandu jkun aġġustat sabiex jirrifletti d-data ta' minn meta l-proprjetà in kwistjoni ġiet tappartjeni lir-rikorrenti sad-data tad-dħul fis-seħħ tal-Att XXIV tal-2021;

16. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri kif permessi bil-liġi.

Għaldaqstant fid-dawl ta' dan kollu, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Rat ir-risposta tal-konjuġi Grasso (l-intimati inkwilini) tat-8 ta' J a n n a r 2024, li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:

1. ILLI preliminarjament jinkombi fuq l-atturi li oltre kwalsiasi kjarifika jew prova ulterjuri dwar it-titolu ndikat minnhom fil-kuntratti u atti ndikati minnhom u s-suċċessjoni relattiva tad-defunt Anthony Borg (fosthom b`dik li suppost kellha tkun proċedura apposita għal ftugħ ta` suċċessjoni intestata) u tal-frazzjonijiet ndikati minnhom, juru wkoll li huma effettivament is-sidien kollha fil-kwoti rispettivi ndikati minnhom u li huma tassew konxji ta` u parteċipi f`dawn il-proċeduri u li dak indikat fir-rikors promotur jirrifletti r-rieda u l-kunsens tagħhom;

2. ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost, u preliminarjament ukoll, għandu jitqies li oltre l-fatt li l-kirja qatt ma ġiet rifjutata preċedentament, almenu mill maġġoranza tal-atturi, tant li l-aħħar li tħallset kien fil-24 ta` Ottubru, 2020, iż-żidiet li kienu qed isiru maż-żminijiet wara l-Att X tal-2009, kienu jiġu aċċettati, tenut kont ta' l-emendi fil-liġi aktar riċenti li pprovdew għal mekkaniżmu ċar dwar kif tkun tista' togħla l-kera, l-atturi għandhom effettivament rimedji ordinarji x'jirrikorru għalihom fir-rigward ta' dak li qed jilmentaw minnu bħala kera baxxa u b'hekk in-nullita` jew fl-agħar ipotesi, l-intempestivita' ta' dawn il-proċeduri in kwantu qed jitressqu lmenti dwar il-*quantum* ta' kirja attwali.

   Konsegwentement, filwaqt li l-intimati konjugi Grasso m`għandhom l-ebda riserva li jkun appuntat Perit Arkitett minn din l-Onorabbli Qorti biex jagħmel valutazzjoni tal-propjeta` mertu ta` dawn il-proċeduri, skont is-suq liberu u frank, hekk kif kontemplat fl-Ewwel Talba, diment li tali ħatra tkuna psejjeż tal-atturi, it-Tieni Talba tal-atturi għandha tiġi miċħuda stante li l-intimati Grasso għandhom jitqiesu li għandhom kull dritt jibqgħu jgawdu mill-protezzjoni ta' inkwilinat mogħtija lilhom mil-liġi u għaldaqstant l-ebda talba jew provvediment għal zgumbrament ma għandha tintlaqa' u l-ebda dikjarazzjoni ma għandha tingħata fis-sens li ma għandhiex dritt tibqa`

tistrieħ fuq id-disposizzjonijiet tal-liġijiet li jipproteġu d-drittijiet tagħhom ta' inkwilini. Dan anki tenut kont li l-propjeta' in kwistjoni hi l-unika residenza ta' l-intimati u li b'hekk ikunu huma li jispiċċaw isofru preġudizzju serju kieku ma jibqgħux jitħallew jirrisjedu fil-propjeta` in kwistjoni;

3. ILLI preliminarjament wkoll, izda mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet oħra, l-eċċipjenti għandhom jitqiesu li mhumiex il-leġittimi kontraditturi tal-atturi in kwantu t-talbiet l-oħra imressqin minnhom huma kjarament indirizzati primarjament fil-konfront tal-liġijiet ilmentati minnhom u fil-konfront tal-intimat l-ieħor l-Avukat tal-Istat li għandu jwieġeb għall-istess talbiet jekk dawn effettivament jintlaqgħu;
4. ILLI fil-mertu tenut kont tas-suespost u dak li għandu jirriżulta matul il-mori f'dan il-każ u anki tenut kont ta' dawk li jafu jkunu l-eċċezzjonijiet jew uħud mill-eċċezzjonijiet imressqin mill-Avukat tal-Istat, ma għandu jirriżulta ebda ksur tad-drittijiet tal-atturi a bażi tal-artikoli u liġijiet u konvenzjonijiet indikati minnhom u b'hekk ma għandha tingħata l-ebda dikjarazzjoni li l-liġijiet jew provvedimenti tal-Ordinanza (Kap 69) u tal-Kodiċi Ċivili huma leżivi tad-drittijiet tagħhom u b'hekk it-talbiet tal-atturi għandhom jiġu kollha miċħudin;
5. ILLI konsegwentement, l-ebda danni u l-ebda kumpens konsegwenzjali ma għandhom jiġi likwidati u ma għandhom jingħataw lill-atturi, b'dan illi fi kwalunkwe kaz jekk jingħata kwalsiasi kumpens dan għandu jingħata u jkun pagabbli biss mill-Avukat tal-Istat jekk jitqies dovut fil-waqt li fi kwalunkwe każ, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħudin kif ġia ndikat;
6. ILLI fi kwalunkwe kaz u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-intimati konjugi Grasso ċertament ma għandhomx ibatu l-ebda spejjeż konnessi ma' dawn il-proċeduri;
7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ;

Bl-ispejjeż

Rat l-atti u d-dokumenti kollha fir-rikors.

Semgħet u qrat ix-xhieda mressqa fil-perkors tas-smigħ.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet.

Rat li r-rikors tħalla' għal-lum għas-sentenza.

**Punti ta' Fatti**

Ir-rikorrenti huma propjetarji tal-fond, flat numru 2, bieb numru 89, Triq Santa Monika, Ħal Tarxien, li huwa mikri lilll-intimati inkwilini. Ir-rikorrenti wirtu tali appartament. Ilu mikri lill-intimati għal madwar ħamsin sena. Il-kera annwali hija ta' €233.60. Minħabba l-applikazzjoni tal-liġi tal-kera ta' dak iż-żmien, il-kirja tkompliet titgawda

mill-inkwilini tul dawn is-snin.

Matul iż-żmien, bis-saħħa ta' Att X tal-2009, il-kera ġiet awmentata għal €185 fis-sena u li titla' proporzjonalment mal-għoli tal-ħajja. Il-leġiżlatur ukoll daħħal proċess fejn quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, ir-rata tal-kera tista' togħla sa massimu ta' 2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq tal-fond, u dan skont artiklu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti bdew dan iżda mbagħad ċedew il-kawża li kienu bdew quddiem dan l-istess imsemmi bord.

Ir-rikorrenti qed jilmentaw li d-drittijiet fundamentali tagħhom qed ikunu leżi għaliex ma jistgħux jipperċepixxu kera adegwata, u di piu`, ma jistgħux ikollhom ċertezza ta' meta u jekk jirriprendux il-pussess tal-fond stante li l-liġi tagħti dritt ta'rilokazzjoni lill-inkwilini anke kontra r-rieda tar-rikorrenti.

**Punti ta' Liġi**

L-ilment tar-rikorrenti huwa fis-sens li l-provvedimenti tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta'Malta u dawk viġenti tal-Att numru X tal-2009 bil-protezzjoni li jagħtu lill-kerreja, flimkien mal-artiklu 1531C tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħdin jilledulhom id-drittijiet fundamentali tagħhom kif imħarsa minn artiklu 37 tal-Kostituzzjoni u mill-ewwel artiklu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-ewwel skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta). B'dan il-Qorti tirrileva li fit-talbiet jissemma' biss l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll. Ghalhekk il-Qorti ser tkun qed tiddeciedi biss dwar dan l-artikolu u ebda artikoli ohrajn.

Ir-raġunijiet indikati fil-premessi tar-rikors promotur, *inter alia,* huma *prima facie* l-istess raġunijiet li fuqhom il-Qorti Ewropeja konsistentement sabet ksur tal-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni fid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69, dan għaliex dawn ġew ikkunsidrati li jikkostitwixxu interferenza mad-drittijiet tal-propjeta` tas-sid, li hija inkompatibbli mat-tielet prinċipju ta' bilanċ ġust stabbilit fl-imsemmiartiklu protokollari. Din l-interferenza kkawżata b'dawn id-dispożizzjonijiet trid tkun waħda li ma żżommx "bilanċ xieraq" bejn l-esiġenzi tal-interess ġenerali tal-komunita` u l-ħtieġa tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tal-individwu.

Il-Qrati tagħna baqgħu jsegwu din il-pożizzjoni kif adottata mill-Qorti ta' Strasburgu (ara espożizzjoni dettaljata tal-prinċipji tal-ġurisprudenza stabbilitimill-Qorti Ewropeja kif riflessa fil-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin fis-sentenza **Margaret Caruana et Vs L-Avukat Ġenerali et, Qorti Ċivili, SedeKostituzzjonali, tat-18 ta' Marzu 2021;** ara wkoll fost oħrajn **Rita Falzon -vs–Dun Saverin *sive* Xavier Cutajar et, Qorti Ċivili, Sede Kostituzzjonali, [per Imħallef Francesco Depasquale], tal-20 ta' Ottubru 2021**).

Permezz ta' artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, li ġie fis-seħħ f'Ġunju tal-2021 permezz ta' Att XXIV tal-2021, ir-rikorrenti għandhom, u kellhom minnufih, id-dritt li jistgħu jitolbu awment raġjonevoli fil-ħlas tal-kera. Fil-fatt ir-rikorrenti ppreżentaw tali proċeduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera iżda mbagħad ċedew kif diġa` spjegat hawn aktar qabel.

Fir-rigward tal-legalita` tat-talba għall-iżgumbrament, din il-Qorti tgħid li m'humiex dawn il-Qrati li għandhom il-*vires* li jiżgumbraw lil xi inkwilin minn xi fond.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Jesmond Portelli et vs Avukat Ġenerali et, Qorti Kostituzzjonali, tal-25 ta' Novembru 2016,** il-Qorti ddikjarat li f'każ li liġi ordinarja mhix konsistenti mad-drittijiet fundamentali, ma jfissirx li dik il-Qorti ser tgħaddi biex tordna l-iżgumbrament tal-inkwilin, għax dan propju mhuwiex kompitu ta' dik il-Qorti. Dan lanqas huwa mertu ta' kawża kostituzzjonali, iżda mertu ta' kawża *ad hoc* quddiem il-forum kompetenti. L-istess ħsieb ġie rritenut ukoll fis-sentenza bl-ismijiet **Robert Galea Vs Avukat Ġenerali et, deċiża fis-7 ta' Frar 2017,** fejn dik il-Qorti ddikjarat li mhuwiex kompitu ta' Qorti li filwaqt li tkun mitluba tistħarreġ ilment ta' ksur ta' dritt fundamentali, tgħaddi wkoll biex tordna żgumbrament tal-inkwilin.

Għalhekk, din il-Qorti ssegwi dan il-ħsieb billi taqbel li mhuwiex kompitu ta' din il-Qorti li tiddeċiedi dwar l-iżgumbrament tal-inkwilini mill-fond *de quo.*

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti tiddikjara li hija sodisfatta li l-kirja hija waħda li twieldet qabel l-1 ta' Ġunju 1995, u għalhekk hija soġġetta għad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. Di fatti kemm ir-rikorrenti u anke l-intimati inkwilini finalment ma jikkontestawx dan il-fatt. Għalhekk din l-

eċċezzjoni ser tkun sorvolata.

L-intimat Avukat tal-iStat jesiġi wkoll li r-rikorrenti jridu jipprovaw it-titolu tagħhom għall-propjeta` *de quo*. Kif jirriżulta mill-provi esebiti dan it-titolu jeżisti. Il-Qorti tfakkar ukoll, li ai fini ta' dawn il-proċeduri, dawn il-Qrati rribadew konsistentement il-prinċipju li l-prova meħtieġa f'dan ir-rigward mhix dik tal-*probatio diabolica* bħal fil-każ tal-azzjoni *rei vindicatoria*, iżda prova *prima facie* li dan it-titolu jeżisti hija biżżejjed. Dan jirriżulta b'mod mill-aktar ċar mid-dokumenti esebiti u għalhekk il-Qorti mhix se taħli aktar ħin fuq din l-eċċezzjoni.

<u>Artiklu wieħed tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja</u>

Sa fejn l-azzjoni tolqot l-operazzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-AttX tal-2009 kif kienu viġenti qabel l-introduzzjoni tal-emendi bl-Att XXIV tal-2021, il-fatti tal-każ in diżamina huma identiċi għal dawk ravviżati fid-diversi sentenzi tal-Qorti Ewropeja u tal-Qrati tagħna ċitati fis-sentenza **Margaret Caruana *et* Vs L-Avukat Ġenerali *et***. Għaldaqstant japplikaw l-istess konsiderazzjonijiet legali hemm esposti. Isegwi għalhekk, li fil-każ ta' llum din il-Qorti tasal għall-istess konklużjoni li waslu għaliha Qrati oħra ripetutament f'kawżi ta' din ix-xorta u f'ċirkostanzi simili, u cioe` f'xenarju ta' qabel l-Att XXIV tal-2021, dawn kienu leżivi tad-drittijiet fundamentali tas-sidien kif garantiti bl-ewwel artiklu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni. Pero` mhux kull rikors huwa bilfors bħall-ieħor, anzi kull kawża għandha l-varjanti tagħha kif ser jingħad aktar 'l isfel.
Bħala rimedju r-rikorrenti qed jitolbu lill-Qorti tiddikjara lill-intimat Avukat tal-iStat responsabbli għall-kumpens, u għad-danni sofferti minnhom b'konsegwenza tal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom.

Din il-Qorti tara li t-talba għar-rimedji xierqa hija bbażata fuq artiklu 13 tal-Konvenzjoni li jipprovdi dritt għar-rimedju effettiv quddiem Qorti domestika. Il-Qorti tqis li din it-talba għar-rimedju xieraq hija issa ċirkoskritta għall-perjodu ta' qabel l-1 ta' Ġunju 2021. Dan għaliex, minn dik id-data r-rikorrenti setgħu jipprevalixxu ruħhom mir-rimedju mogħti bl-artiklu 4A tal-Kap. 69, introdott bl-Att XXIV tal-2021. Il-Qorti għalhekk tqis li, semmai, jekk għandha tipprovdi rimedju, u jekk dan huwa xieraq li jkun mogħti, għandha tagħmel dan biss għall-effetti tal-ksur tad-drittijiet fundamentali permezz ta' kumpens sal-1 ta' Ġunju 2021.

Dan b'applikazzjoni tal-prinċipju applikat mill-Qrati tagħna fir-rigward tal-artiklu 12B tal-Kap. 158, introdott bl-Att XXVII tas-sena 2018, li ġie sostitwit bl-istess Att XXIV tas-sena 2021. Il-Qorti tqis li dan il-prinċipju għandu japplika wkoll għall-artiklu 4A tal-Kap. 69 li ġie introdott bl-istess Att u għall-istess skop: "*Minħabba li d- dispożizzjonijiet [tal-Att XXVII] [issa sostitwit bl-Att XXIV tal-2021] ta' dawk il- bidliet daħlu fis-seħħ, u fid-dawl ta' dak li sejra tiddeċiedi l-Qorti dwar il-qagħda tal-intimati, joħroġ li r-rikorrenti għandhom disponibbli rimedju proċedurali ta' aċċess lil qorti jew tribunal li jista' jagħtihom, jekk hekk jirriżulta mistħoqq, rimedju in integrum li jindirizza l-ksur tal-jedd fundamentali tagħhom. Din iċ-ċirkostanza, fil-fehma tal-Qorti, titfa' element relevanti li jolqot l-ikkalibrar tal-ammont tal-kumpens minnhom pretiż*" (ara **Victoria Amato Gauci *et* Vs Avukat Ġenerali *et***).

Għal-likwidazzjoni ta' kumpens xieraq, jekk dan ikun immeritat, il-Qorti għandha tapplika l-istess konsiderazzjonijiet tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) fil-paragrafi 101-109 tas-sentenza **Cauchi v. Malta, deċiża mill-Qorti Ewropeja fil-25 ta' Marzu 2021**. Dan iżda sal-1 ta' Ġunju 2021.

Fl-evalwazzjoni minnha tad-dannu pekunjarju dovut lill-applikanti bħala kumpens għat-telf ta' kontroll, użu u tgawdija tal-proprjeta` tiegħu, l-QEDB fil-kawża **Cauchi -vs- Malta** qieset, sa fejn kien xieraq, il-valuri lokatizji fis-suq Malti tal-proprjeta` matul il-perjodi relevanti. Hija wkoll ikkunsidrat l-għanijiet leġittimi u l-"interess pubbliku" ta' dawn ir-restrizzjonijiet li jiġġustifikaw kumpens anqas mill-kumpens sħiħ li altrimenti jkun dovut skont il-valur tas-suq ħieles.

F'dan ir-rigward il-QEDB innotat li l-miżuri kkontestati f'kawżi ta' din ix-xorta ġew meqjusa li kellhom bħala għan leġittimu l-protezzjoni soċjali tal-kerrejja.

Il-QEDB madanakollu sabet ukoll li l-ħtieġa u l-interess ġenerali għal din il-protezzjoni li setgħet kienet eżistenti f'Malta meta ġew introdotti dawn il-liġijiet battiet matul il-kors tat-tlett deċenji li segwew minn dik is-sena. F'dan l-isfond il-QEDB qieset li għall-finijiet tal-għoti ta' kumpens, tali valuri lokatizji jitnaqqsub'madwar 30% abbażi ta' dak il-għan leġittimu.

Il-QEDB żiedet tgħid li raġunijiet oħra ta' interess pubbliku jistgħu ma jiġġustifikawx tali tnaqqis. Il-QEDB aċċettat ukoll li l-propjeta`, kieku ma kinetx hekk suġġetta għal din il-leġiżlazzjoni impunjata, mhux bilfors kienet sejra tinkera matul il-perjodu kollu. Dan

speċjalment fid-dawl ta' kif sploda s-suq tal-propjeta` riċentement. Il-QEDB għaldaqstant qieset bħala aċċettabbli li jitqies li t-telf attwali kien inqas minn dak iddikjarat, b'mill-inqas 20%.

Magħdud ma' dan, il-QEDB qieset li l-kera li l-applikant ikun diġa` rċieva għall-perjodu relevanti għandu jitnaqqas mill-kalkolu relevanti. F'dan ir-rigward, il-QEDB irriteniet li l-kera li għandha hekk titnaqqas hija dik applikabbli bl-istess liġi. Dan peress li l-applikant stess għażel minn jeddu li ma jżidx il-kera għal perjodu taż-żmien miftiehem. Il-QEDB ikkunsidrat li għandu jiġi mnaqqas ukoll l-ammont globali mogħti mill-Qorti nazzjonali, liema ammont jibqa' pagabbli lill-applikant jekk ma jkunx għadu ġie hekk imħallas lilu. Għaldaqstant, wara li ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi tal-każ u r-rapport tal-Perit inkarigat, kif ukoll il-fatti relevanti, l-Qorti nnutat u rraġunat li kif diġa` ġie msemmi u spjegat, allura tasal għall-konklużjoni li m'għandux ikun hemm kumpens non-pekunjarju.

Għal fini ta' kjarezza, dan huwa minħabba s-sempliċi fatti kif inhuma u kif ġraw, jiġifieri li, l-Qorti dejjem setgħet tagħti u tillikwida xi danni pekunjarji fil-każ in diżamina, u setgħet tagħmel dan sa qabel l-1 ta' Ġunju 2021. Wara din id-data ma kien qed iseħħ ebda ksur ta' drittijiet fundamentali għax huwa aċċettat li għal fini ta' bilanċ bejn dak li hu interess ġenerali u dak li hu interess privat, tali emendi legali huma kkunsidrati li jissodisfaw il-kriterji tat-test tal-bilanċ u l-proporzjonalita`.

Dan ma jfissirx li r-rikorrenti m'humiex iġġustifikati fl-ilmenti tagħhom abbażi tal-ewwel artiklu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni. Ifisser biss li dawn iċ-ċirkostanzi, partikolarment l-eżistenza sa mill-1987 u għalhekk l-eżistenza ta' rimedju anke fi żmien l-awturi tagħha, ser ikun qiegħed jittieħed ai fini ta' fissazzjoni ta' kumpens. Irridu wkoll niftakru, li kemm -il darba ġie ribadit li in tema tal-interess ġenerali kemm il-Qrati tagħna u kif ukoll mill-organi ġudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa, li l-istat igawdi minn attitudni wiesgħa ħafna fl-implimentazzjoni tal-politika soċjali u ekonomika u dan anke jekk dawn bħala riżultat ifixklu d-dritt tal-propjeta` ta' ħaddieħor (ara *inter alia* s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Charles Adrian Strickland nomine Vs. Onor. Prim Ministru et, tal-14 ta' Lulju 2008**).

Għalhekk wara li din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-konklużjonijiet tal-Perit minnha maħtur u s-sensiela ta' prinċipji fuq imsemmija, tasal

għall-konklużjoni, li l-ammont ta' tnejn u tletin elf, erba' mija u tlieta u tmenin Ewro (€32,483) bħala danni pekunjarji jkun iġġustfikat u ekwu. Dwar id-danni non-pekunjarji din il-Qorti tqis li ġaldarba dak li qiegħed ikun reklamat f'dawn il-proċeduri ma huwiex mis-sidien oriġinali li ħolqu l-kirja u kif ukoll bl-emendi riċenti fil-liġi ġew inidirizzati l-ilmenti tar-rikorrenti, u dan kif spjegat aktar 'l fuq, ma hemmx lok li din il-Qorti tagħti danni non-pekunjarji.

Di piu' bħala danni non-pekunjarji, jew danni morali, il-Qorti tara li dawn jingħataw għal xi tbatija li jkun għaddej minnha dak li jkun waqt iż-żmien relevanti, bħal fil-każ ta' dewmien li jista' joħloq inkwiet fil-persuna milquta miċ-ċirkostanzi. F'dan ir-rigward, issir referenza għas-sentenza ta' **Carmelina Bugeja Vs Nazzareno Spiteri et, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali, fit-30 ta' Marzu 2022.** Fil-każ odjern il-Qorti ma tara ebda dewmien jew inkella nuqqas ta' disponibilita` ta' rimedji adegwati u effettivi għad-dispożizzjoni tar-rikorrenti qua sidien tal-fond mertu ta' din il-proċedura. Ta' min isemmi wkoll li d-danni morali ma jintirtux u li kumpens non-pekunjarju jirrifletti t-tbatija morali li tkun għaddiet minnu l-vittma minħabba ksur li jkun ġie kkonstatat mill-Qorti. (Ara s-sentenza fl-ismijiet **Tabib Dr Jacob Vella et Vs Paul Magro et, deċiża 25 ta' Ottubru, 2023**).

Sa fejn dan ir-rikors jirrigwarda lill-intimati inkwilini, dawn ser ikunu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex kif dejjem irritenew dawn il-Qrati, il-preżenza tal-inkwilini f'dawn il-proċeduri hija rikjesta għall-integrita` tal-ġudizzju, u għaliex finalment mhumiex l-intimati li jridu jagħtu rimedju, stante li ma kinux huma li għamlu l-liġi, u kieku stess, jekk ikun il-każ, huwa l-istat li għandu jwieġeb għal xi ksur ta' drittijiet fundamentali għax huwa propju fl-obbligu tal-istat li jiggarantixxi d-drittijiet taċ-ċittadin. (Ara **Emanuel Bezzina et Vs Avukat Ġenerali, deċiża fit-30 ta' Mejju 2019**).

**Decide**

Għaldaqstant, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi r-rikors bil-mod segwenti:

**Tilqa' t-talbiet** rikorrenti għall-ksur tal-ħarsien li jagħti artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja. Tillikwida kumpens pekunjarju favur ir-rikorrenti fl-ammont ta' tnejn u tletin elf, erba' mija u tlieta u tmenin Ewro (€32,483) bħala danni pekunjarji u tikkundanna lill-intimat Avukat tal-iStat iħallas dan l-ammont lir-rikorrenti bl-imgħaxijiet

legali mill-preżenti sal-pagament effettiv;

**Tillibera mill-osservanza** tal-ġudizzju lill-intimati inkwilini.

Spejjeż għall-Avukat tal-iStat.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**